32004R1086

L 207/10 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA’ L-UNJONI EWROPEA* 10.6.2004

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1086/2004

## tad-9 ta' Ġunju 2004

## li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti ristrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal -Iraq

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti restrizzjonjiet speċifiċi fuq relazzjonjiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq u jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2465/96,[1] u b'mod partikolari l-Artikolu 11(b) tiegħu,Billi:

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jagħti lista tal-organi, korporazzjonijiet u aġenziji pubbliċi u persuni naturali u ġuridiċi, organi u entitajiet tal-gvern ta' qabel tal-Iraq li kienu milquta bl-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi taħt dak ir-Regolament.

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jagħti lista tal-persuni naturali u ġuridiċi, organi u entitajiet assoċjati mar-reġim tal-ex-President Saddam Hussein li kienu milquta bl-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi taħt ir-Regolament.

Fit-2 ta' Ġunju 2004, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU iddeċieda li jemenda l-lista li tinkludi lil Saddam Hussein u uffiċjali anzjani oħra tal-ex-reġim Iraqin, tal-membri l-aktar qrib tal-familja tagħhom u l-entitajiet tagħhom jew ikkontrollati minnhom jew minn persuni li jaġixxi f'isimhom jew taħt struzzjonijiet tagħhom, fir-rigward ta' liema l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi għandu japplika. Għalhekk, l-Anness IV għandu jiġi konsegwentement emendat.

Huwa neċessarju li ħames annotazzjonjiet jiġu ttrasferiti mill-Anness III għall-Anness IV u li jiġu emendati tnejn minn dawn l-annotazzjonijiet.

Sabiex jiġi żgurat illi l-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament,

---

[1] ĠU L 169, 8.7.2003; p. 6. Ir-Regolament hekk kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 979/2004 tal-14.5.2004 (ĠU L 180, 15.5.2004, p. 9).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 qiegħed jiġi emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 qiegħed jiġi emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul f'Brussell, 9 ta' Ġunju 2004.

*Għall-Kummissjoni*
*Christopher Patten*
*Membru tal-Kummissjoni*

## ANNESS I

**L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 huwa emendat kif ġej:**

Il-persuni naturali li ġejjin għandhom jitneħħew[2]:

**Hikmat Jarjes Bahnam (**magħruf ukoll bħala Hikmat Gargees). Indirizz: Baghdad, l-Iraq. Passaport Nru 035667 (Iraqin).

Tarik Nasser S. Al Obaidi (magħruf ukoll bħala (a) Tarik al'Ubaydi, (b) Tariq al'Ubaydi). Indirizz: Baghdad, l-Iraq. Passaport Nru 212331 (Iraqin).

Khalaf M. M. Al-Dulaymi (magħruf ukoll bħala Khalaf Al Dulaimi). Data tat-twelid: 25 ta' Jannar 1932. Passaport Nru H0044232 (Iraqin).

Adnan S. Hasan Ahmed (magħruf ukoll bħala (a) Hasan Ahmed S. Adnan, (b) Ahmed Sultan). Indirizz: Amman, il-Ġordan.

Munir Al Qubaysi (magħruf ukoll bħala (a) Munir Al-Kubaysi, (b) Muneer Al-Kubaisi, (c) Munir Mamduh Awad, (d) Munir A. Awad). Indirizz: Is-Sirja. Nazzjonalità: Iraqin.

---

[2] Ara, madanakollu l-Anness II.

# ANNESS II

**L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jiġi emendat kif ġej:**

1. Il-persuni naturali li ġejjin għandhom jiżdiedu:

   Asil Sami Mohammad Madhi Tabrah (magħruf ukoll bħala Asil Tabra). Data tat-twelid: 6 ta' Ġunju 1964. Post tat-twelid: l-Iraq. Nazzjonalità: Iraqin.

   Adib Shaban Al-Ani (magħruf ukoll bħala (a) Dr. Adib Sha’ban, (b) Adib Shaban. Data tat-twelid: 1952. Nazzjonalità: Iraqin.

   Dr. Sahir Berhan (magħruf ukoll bħala (a) Dr. Sahir Barhan, (b) Saher Burhan Al-Deen, (c) Sahir Burhan). Data tat-twelid: 1967. Indirizz: (a) Baghdad, l-Iraq, (b) l-Emirati Għarab Magħquda. Nazzjonalità: Iraqin.

   Maki Mustafa Hamudat (*alias* (a) Maki Hamudat, (b) Mackie Hmodat, (c) Ġeneral Maki Al-Hamadat, (d) Macki Hamoudat Mustafa). Data tat-twelid: madwar 1934. Indirizz: Baghdad, l-Iraq. Nazzjonalità: Iraqin.

   Roodi Slewa (magħruf ukoll bħala (a) Rudi Slaiwah, (b) Rudi Untaywan Slaywah, (c) Rudi Saliwa). Nazzjonalità: Iraqin.

   Nabil Victor Karam. Data tat-twelid: 1954. Indirizzi: (a) C/o Trading and Transport Services, Al-Razi Medical Complex, Jabal Al-Hussein, Amman, il-Ġordan, (b) C/o Alfa Company Limited for International Trading and Marketing, P.O. Box 910606, Amman 11191, il-Ġordan. Nazzjonalità: Lebaniż.

   **Hikmat Jarjes Bahnam (**magħruf ukoll bħala Hikmat Gargees). Indirizz: Baghdad, l-Iraq. Passaport Nru 035667 (Iraqin).

   Tarik Nasser S. Al Obaidi (magħruf ukoll bħala (a) Tarik al'Ubaydi, (b) Tariq al'Ubaydi). Data tat-twelid: 1945. Data tat-twelid: Baghdad, l-Iraq. Indirizz: Baghdad, l-Iraq. Passaport Nru 212331 (Iraqin).

   Khalaf M. M. Al-Dulaymi (magħruf ukoll bħala Khalaf Al Dulaimi). Data tat-twelid: 25 ta' Jannar 1932. Passaport Nru H0044232 (Iraqin).

   Adnan S. Hasan Ahmed (magħruf ukoll bħala (a) Hasan Ahmed S. Adnan, (b) Ahmed Sultan). Indirizz: Amman, il-Ġordan.

   Munir Al Qubaysi (magħruf ukoll bħala (a) Munir Al-Kubaysi, (b) Muneer Al-Kubaisi, (c) Munir Mamduh Awad, (d) Munir A. Awad). Data tat-twelid: 1966. Data tat-twelid: Heet, l-Iraq. Indirizz: is-Sirja. Nazzjonalità: Iraqin.

2. Il-persuni ġuridiċi, organi u entitajiet li ġejjin għandhom jiżdiedu:

   ALFA COMPANY LIMITED FOR INTERNATIONAL TRADING AND MARKETING (magħrufa wkoll bħala (a) ALFA TRADING COMPANY, (b) ALFA INVESTMENT AND INTERNATIONAL TRADING). Indirizz: P.O. Box 910606, Amman 11191, il-Ġordan.

TRADING AND TRANSPORT SERVICES COMPANY, LTD. Indirizzi: (a) Al-Razi Medical Complex, Jabal Al-Hussein, Amman, il-Ġordan; P.O. Box 212953, Amman 11121, il-Ġordan P.O. Box 910606, Amman 11191, il-Ġordan.